

31998D0516

19.8.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 232/10

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**  
**tas-17 ta' Ġunju, 1998**

**dwar regolament tekniku komuni għall-istazzjonijiet terrestri tas-satellita mobbli ta' rata baxxa ta' data bbażati fuq l-art (LMES) li joperaw fil-firxiet ta' frekwenza 11/12/14 GHz**

(notifikata taħt dokument numru K (1998) 1608)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/516/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom <sup>(1)</sup>,

Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita li għalih huwa meħtieġ regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-i *standards* armonizzati korrispondenti, jew partijiet minnhom, li jimplementaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jitbiddlu fregolamenti tekniċi komuni;

Billi r-Regolament tekniku komuni adottat f'din id-Deċiżjoni huwa bi qbil ma' l-opinjoni ta' ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir ta' stazzjonijiet terrestri tas-satellita li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-*istandard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Regolament tekniku komuni li jkopri stazzjonijiet terrestri tas-satellita mobbli ta' rata baxxa ta' *data* bbażati fuq l-art (LMES) li jaħdmu fil-firxa ta' frekwenzi 11/12/14 GHz.

1. Ir-Regolment tekniku komuni għandu jinkludi l-i *standards* armonizzati mħejjija mill-korp ta' standardizzazzjoni relevanti li jimplementaw sal-limitu applikabbli l-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/13/KE. Ir-riferenza għall-*istandard* hija mniżżla fl-Anness.

2. It-tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-Regolament tekniku komuni imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jilħaq il-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KE, u għandu jissodisfa l-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE <sup>(2)</sup> u 89/336/KEE <sup>(3)</sup>.

Artikolu 3

Korpi Notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri imsemmija l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jkun użat l-*istandard* armonizzat imsemmi fl-Anness wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

## ANNEX

**Riferenza għall-i *standard* armonizzat applikabbli**

L-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni jkun:

Stazzjonijiet Terrestri tas-Satellita u Sistemi (SES);

stazzjonijiet terrestri tas-satellita mobbli ta' rata baxxa ta' *data* bbażati fuq l-art (LMES) li joperaw fil-firxiet ta' frekwenza 11/12/14 GHz

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-*Standards* ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ta' ETSI

TBR 27 — Diċembru ta' l-1997

(minbarra d-daħla)

**Tagħrif addizzjonali:**

L-Istitut Ewropew ta' l-*Standards* ta' Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE <sup>(1)</sup>.

L-*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq kien ġie prodott skond mandat maħruġ bi qbil mal-proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mingħand

Istitut Ewropew ta' l-*Standards* ta' Telekomunikazzjoni  
650 Route des Lucioles  
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Kummissjoni Ewropea  
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),  
Rue de la Loi/Wetstraat 200,  
B-1049 Brussels

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli li tagħmel l-*standards* ta' l-ETSI disponibbli, li lista tagħhom tista' tinstab fuq l-Internet fl-indirizz [www.ispo.cec.be](http://www.ispo.cec.be).

---

(<sup>1</sup>) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.